32005R0006

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 6/2005

ta' l-4 ta' Jannar 2005

li jemenda r-Regolamenti (KE) Nri 46/2003 u 47/2003 b'rigward it-taħlitiet ta' tipi differenti ta' frott u ħaxix frisk fl-istess pakkett ta' bejgħ

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2200/96 tat-28 ta' Ottubru 1996 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-frott u l-ħxejjex [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 2(2) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 48/2003 tal-10 ta' Jannar 2003 iniżżel ir-regoli li japplikaw għal taħlitiet ta' tipi differenti ta' frott u ħaxix frisk fl-istess pakkett ta' bejgħ [2] jgħodd għall-pakketti ta' bejgħ ta' piż nett inqas jew daqs tliet kilogrammi.

(2) Hemm żball fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 46/2003 tal-10 ta' Jannar 2003 li jemenda l-livelli tas-suq ta' frott u ħaxix frisk dwar it-taħlit ta' diversi tipi ta' frott u ħaxix frisk fl-istess pakkett ta' bejgħ [3] u fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 47/2003 tal-10 ta' Jannar 2003 li jemenda l-Anness I għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2200/96, li jistipulaw li l-prodotti koperti min-normi ta' tqegħid fis-suq għall-frott u l-ħxejjex friski jistgħu jiġu ppreżentati f'taħlita ta' tipi f'pakkett ta' bejgħ ta' piż nett inqas minn tliet kilogrammi.

(3) Għaldaqstant, jeħtieġ li jiġu emendati r-Regolamenti (KE) Nru 46/2003 u (KE) Nru 47/2003 sabiex il-pakketti ta' bejgħ ikkonċernati minn din id-dispożizzjoni jistgħu jkunu ta' piż nett ta' tliet kilogrammi.

(4) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Frott u l-Ħxejjex Friski,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Fl-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 46/2003, it-termini "ta' piż nett inqas minn tliet kilogrammi" jinbidlu bit-termini "ta' piż nett inqas jew daqs tliet kilogrammi".

Artikolu 2

Fl-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 47/2003, it-termini "ta' piż nett inqas minn tliet kologrammi" jinbidlu bit-termini "ta' piż nett inqas jew daqs tliet kilogrammi".

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ dakinhar tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 4 ta' Jannar 2005.

Għall-Kummissjoni
Mariann FISCHER BOEL
Membru tal-Kummissjoni

---

[1] ĠU L 297, 21.11.1996, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 47/2003 (ĠU L 7, 11.1.2003, p. 64).

[2] ĠU L 7, 11.1.2003, p. 65.

[3] ĠU L 7, 11.1.2003, p. 61.